# Il-Gwida Tiegħi għal Exjade® (deferasirox)▼

ISEM DATA

▼Dan il-prodott mediċinali huwa suġġett għal monitoraġġ addizzjonali. Dan ser jippermetti identifikazzjoni ta' malajr ta' informazzjoni ġdida dwar is-sigurtà. Il-professjonisti dwar il-kura tas-saħħa huma mitluba jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata.

Reazzjonijiet avversi suspettati u żbalji bl-użu ta' prodotti mediċinali assoċjati mall-iteħid ta' Exjade għandom jiġu rraportati lill-:

Awtorita' Dwar il-Mediċini,
Sir Temi Zammit Buildings,
Malta Life Sciences Park,
San Gwann SGN 3000.

Jew fuq: www.medicinesauthority.gov.mt/adrportal

Inkella lil: Novartis Pharma Services Inc. Representative Office Malta fuq numru tat-telefown +356 21222872.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Novartis Europharm Limited, Vista Building, Elm Park, Merrion Road, Dublin 4, Irlanda.

Rappreżentant lokali ghad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Novartis Pharma Services Inc., Representative Office Malta. Numru tat-telefown: +356 21222872.



# Werrej

**Il-Gwida għal Exjade**


- Daħla 4
- Forom varji ta' deferasirox 5
- X'inhu Exjade? 6
- Għala t-tabib kitibli Exjade? 6
- Kif jaħdem Exjade? 7
- Għal xiex jintuża Exjade? 7
- Kif nieħu l-pilloli miksija b'rita Exjade? 8
- Kif nieħu l-pilloli li jinxterdu Exjade? 10
- Kif se jsir monitoraġġ tat-trattament tiegħi? 12
- Exjade għandu effetti sekondarji? 13
- U xi ngħidu dwar mediċini oħrajn li wkoll għandi bżonn noħodhom minħabba saħħti? 14
- Kontraċezzjoni 15
- Il-progress tiegħi b'Exjade 15
- Tagħrif dwari 16
- It-tnedija ta' Exjade 17

## Daħla: Il-Gwida għal Exjade® (deferasirox)

Din il-gwida fiha tagħrif importanti dwar Exjade. Fiha se titgħallem dwar kif suppost tieħu Exjade, skont il-forma ta' mediċina li kitiblek it-tabib tiegħek, kif ukoll dwar kif se jsir monitoraġġ tat-trattament tiegħek, l-effetti sekondarji li jista' jkun hemm, u kif għandek tieħu mediċini oħrajn waqt li għaddej b'Exjade.

Il-pilloli li jinxterdu Exjade mhux se jibqgħu disponibbli fl-Unjoni Ewropea fil-ġejjieni qrib. Minflok it-tabib tiegħek jaf jordnalek verżjoni oħra tal-istess mediċina li diġà tieħu b'deferasirox, jiġifieri pilloli miksija b'rita (skont x'inhu disponibbli f'pajjiżek). Ir-riċetta bil-pilloli miksija b'rita se tinkludi doża aktar baxxa minn dik tal-pilloli li jinxterdu. Jekk ma tiħux id-doża aktar baxxa aġġustata skont kif qallek tagħmel it-tabib tiegħek fir-riċetta bil-pilloli miksija b'rita, taf tispiċċa tieħu aktar Exjade milli jmissek bla ħsieb u wara jista' jkollok reazzjonijiet minħabba doża eċċessiva. F'dan il-każ, għarraf minnufih lit-tabib tiegħek jew ċempel l-emerġenza, għax jaf ikollok bżonn trattament mediku (ara paġna 9). Jista' jkollok effetti bħalma huma wġigħ fl-addome, dijarea, dardir u rimettar u problemi fil-kliewi jew fil-fwied li jafu jkunu serji.



## Deferasirox jinstab f'forom varji. Kull waħda għandha għamla u lewn speċifiċi u tittieħed b'mod differenti

Importanti li tieħu l-mediċina tiegħek skont kif ordnalek it-tabib tiegħek.

1) Il-pilloli miksija b'rita Exjade huma pilloli blu u ovali. Dawn jistgħu jinbelgħu sħaħ fuq stonku vojt jew ma' ikla ħafifa. Jekk ma tistax tibla' l-pilloli sħaħ, il-pilloli miksija b'rita Exjade jistgħu jitfarrku u jitferrxu fuq ikel artab.




2) Il-pilloli li jinxterdu Exjade huma pilloli tondi bojod għal kważi sofor. Dawn għandhom jinħallu ma' likwidu u jittieħdu fuq stonku vojt.




Il-pilloli murija mhumiex tad-daqs proprju.

## X'inhu Exjade® (deferasirox)?

Exjade jgħinek tneħħi l-ħadid żejjed f'ġismek. Minħabba f'hekk, huwa magħruf bħala "kelatur tal-ħadid" jew "aġent ta' kelazzjoni."

## Għala t-tabib kitibli Exjade?

Bosta tipi ta' kundizzjonijiet jeħtieġu trasfużjonijiet tad-demm. Uħud minnhom huma:

- β-talassemija maġġuri
- Anemija fiċ-ċellula forma ta' minġel, jew SCD
- Sindromi majlodisplastiċi b'riskju aktar baxx, jew MDS
- Anemiji oħrajn

Jekk għandek xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, x'aktarx irċevejt bosta trasfużjonijiet tad-demm. It-trasfużjonijiet għandhom iċ-ċelluli l-ħomor b'saħħithom tad-demm li ġismek jeħtieġ u li jistgħu jgħinuk tħossok aħjar.

Kull trasfużjoni li tingħata fiha l-ħadid. Il-ħadid hu importanti minħabba li ċ-ċelluli l-ħomor tad-demm jużawh biex iġorru l-ossiġnu madwar ġismek. Madanakollu, il-ġisem mhuwiex kapaċi jneħħi l-ħadid żejjed minn jeddu.

Ma' kull trasfużjoni jinġema' l-ammont ta' ħadid u dan il-ħadid żejjed f'ġismek jista' jwassal għal kundizzjoni msejħa **tagħbija żejda kronika ta' ħadid**. Ħadid żejjed jista' jkun perikoluż u jagħmillek il-ħsara fl-organi bħall-qalb u l-fwied.

Importanti li dan il-ħadid żejjed jitneħħa sabiex il-ħadid tiegħek jinżamm f'livell sigur u b'saħħtu.



## Kif jaħdem Exjade?

Exjade jaħdem permezz ta' proċess imsejjaħ **"kelazzjoni"** (ke-laz-zjo-ni).

Wara li jinbela', Exjade jidħollok fid-demm u "jaħtaf" il-ħadid żejjed li hemm.



## Għal xiex jintuża Exjade?

Exjade jintuża sabiex jittratta t-tagħbija żejda kronika ta' ħadid ikkawżata minn trasfużjonijiet spissi tad-demm f'pazjenti li għandhom 6 snin u aktar b'kundizzjoni fid-demm imsejħa β-talassemija maġġuri.

Exjade jintuża wkoll sabiex jittratta tagħbija żejda kronika ta' ħadid. Din tiġi meta m'għandhiex tintuża medikazzjoni msejħa deferoxamine jew meta din ma ttejjibx il-qagħda tal-pazjenti b'β-talassemija maġġuri. Isseħħ ukoll meta jkun hemm tagħbija żejda ta' ħadid ikkawżata minn trasfużjonijiet tad-demm mhux spissi, f'pazjenti b'tipi oħrajn ta' kundizzjonijiet fid-demm imsejħa anemiji, u fi tfal ta' bejn sentejn u 5 snin.

Exjade jintuża wkoll meta m'għandux jintuża deferoxamine jew meta dan ma jtejjibx il-qagħda tal-pazjenti ta' 10 snin jew aktar li għandhom tagħbija żejda ta' ħadid minħabba s-sindromi tat-talassemija tagħhom, imma li ma jiddependux fuq trasfużjonijiet.

# Kif nieħu l-pilloli miksija b'rita Exjade® (deferasirox)?

## X'doża se nieħu?

Id-doża tal-pilloli miksija b'rita Exjade li ordnalek it-tabib tiddependi fuq il-piż tiegħek, il-livell ta' ħadid li għandek bħalissa, il-funzjoni tal-fwied u l-kliewi, u fuq kemm tingħata trasfużjonijiet spissi.

Jekk qed taqleb mill-pilloli li jinxterdu Exjade® (deferasirox) għall-pilloli miksija b'rita Exjade, se jkollok bżonn doża aktar baxxa. Jekk qed taqleb minn medikazzjoni differenti (bħal deferoxamine) għall-pilloli miksija b'rita Exjade, it-tabib tiegħek jaf jagħżillek id-doża ta' Exjade skont kemm kont qed tieħu mill-medikazzjoni li kellek qabel.

## Liema pilloli se nieħu?

Il-pilloli miksija b'rita Exjade jiġu f'qisien differenti ta' pilloli, u jaf ikollok bżonn tieħu aktar minn pillola waħda. It-tabib tiegħek se jgħidlek kemm għandek tieħu pilloli kuljum u ta' liema daqs.

**Il-pilloli miksija b'rita Exjade**




*Il-pilloli murija huma tad-daqs proprju.*



## Kemm nieħu pilloli miksija b'rita Exjade u meta

Il-pilloli miksija b'rita Exjade għandhom jinbelgħu sħaħ ma' ftit ilma. Jekk m'intix kapaċi tibla' l-pilloli sħaħ, tista' tfarrak il-pilloli miksija b'rita Exjade u tferrex id-doża sħiħa fuq ammont żgħir ta' ikel artab, bħal yogurt jew purè tat-tuffieħ.
Għandek tikkonsma d-doża sħiħa kollha u bla dewmien u ma taħżinhiex biex toħodha aktar tard.

Il-pilloli miksija b'rita Exjade għandhom jittieħdu darba kuljum. Idealment għandek tieħu l-Exjade tiegħek dejjem fl-istess ħin ta' kull ġurnata. Il-pilloli miksija b'rita Exjade jistgħu jittieħdu fuq stonku vojt jew ma' ikla ħafifa.







## *X'jiġri jekk ninsa noħodha d-doża tiegħi?*

Jekk tinsa tieħu doża ta' Exjade, xorta għandek toħodha meta tiftakar, anke jekk aktar tard matul il-jum. Ħu d-doża li jmissek skont kif skedat.

Tiħux doża doppja l-għada biex tpatti għal meta nsejt tieħu l-pilloli.

## X'jiġri jekk nieħu pilloli Exjade aktar milli suppost?

Jekk ħadt wisq Exjade, jew jekk xi ħaddieħor ħa bi żball il-pilloli tiegħek, kellem lit-tabib tiegħek jew ċempel l-emerġenza minnufih għal parir. Lit-tabib urih il-pakkett tal-pilloli. Jaf ikun hemm bżonn ta' trattament mediku urġenti. Taf iġġarrab effetti bħalma huma wġigħ fl-addome, dijarea, dardir u rimettar u problemi fil-kliewi jew fwied li jafu jkunu serji.

## Kif nieħu l-pilloli li jinxterdu Exjade® (deferasirox)?

### X'doża se nieħu?

Id-doża tal-pilloli li jinxterdu Exjade li ordnalek it-tabib tiddependi fuq il-piż tiegħek, il-livell ta' ħadid li għandek bħalissa, il-funzjoni tal-fwied u l-kliewi, u fuq kemm tingħata trasfużjonijiet spiss.

Jekk qed taqleb għall-pilloli li jinxterdu Exjade minn medikazzjoni differenti (bħal deferoxamine), it-tabib tiegħek jaf jagħżillek id-doża ta' Exjade skont kemm kont qed tieħu mill-medikazzjoni li kellek qabel.

### Liema pilloli se nieħu?

Il-pilloli li jinxterdu Exjade jiġu f'qisien differenti ta' pilloli, u jaf ikollok bżonn tieħu aktar minn waħda. It-tabib tiegħek se jgħidlek kemm għandek tieħu pilloli kuljum u ta' liema daqs.




125 mg | 250 mg | 500 mg

Il-pilloli murija huma tad-daqs proprju.

### Meta se nieħu l-pilloli li jinxterdu Exjade?

Għandek tieħu l-pilloli li jinxterdu Exjade tiegħek darba kuljum u fl-istess ħin ta' kull ġurnata. Meta tieħu Exjade fl-istess ħin ta' kull ġurnata se jgħinek tiftakar meta għandek tieħu l-pillola. Il-pilloli li jinxterdu Exjade għandhom jittieħdu fuq stonku vojt mill-inqas 30 minuta qabel ma tiekol.

### Kif naħżen Exjade?

Għandek taħżen il-pilloli Exjade tiegħek fil-pakkett oriġinali tagħhom sabiex tipproteġihom mill-umdità.



### Kif tieħu l-pilloli li jinxterdu Exjade pass pass



Pass 1: **ITFA'** l-pilloli li jinxterdu Exjade tiegħek f'tazza bil-meraq tal-larinġ, tat-tuffieħ, jew ilma. Tista' wkoll tuża l-flixkun għat-taħlit ta' Exjade. Qis li tuża l-istess ammont ta' likwidu kif ordnat mit-tabib tiegħek.

Pass 2: **ĦAWWAD** sakemm il-pilloli Exjade jinħallu kollha. Il-likwidu fit-tazza se jidher imsaħħab u l-konsistenza tat-taħlita taf tkun magħquda.

Pass 3: **IXROB** it-taħlita kollha ta' Exjade minnufih. Wara żid ftit ilma jew meraq ma' dak li jkun fadal fit-tazza, dawwar il-likwidu madwar it-tazza u ixorbu wkoll.

Tomgħodx il-pilloli u tiblagħhomx sħaħ. Il-pilloli taqsamhomx u tfarrakhomx. Tħollx il-pilloli li jinxterdu Exjade tiegħek ma' soft drinks jew ħalib.

### X'jiġri jekk ninsa nieħu d-doża tiegħi?

Jekk tinsa tieħu doża ta' Exjade, xorta għandek toħodha meta tiftakar, anke jekk aktar tard matul il-jum. Ħu d-doża li jmissek skont kif skedat.

Tiħux doża doppja l-għada biex tpatti għal meta nsejt tieħu l-pillola(i).

### X'jiġri jekk nieħu pilloli Exjade aktar milli suppost?

Jekk ħadt wisq Exjade, jew jekk xi ħaddieħor ħa bi żball il-pilloli tiegħek, kellem lit-tabib tiegħek jew ċempel l-emerġenza minnufih għal parir. Uri l-pakkett tal-pilloli lit-tabib. Jaf ikun hemm bżonn ta' trattament mediku urġenti. Taf iġġarrab effetti bħalma huma wġigħ fl-addome, dijarea, dardir u rimettar u problemi fil-kliewi jew fwied li jafu jkunu serji.

## Kif se jsir monitoraġġ tat-trattament tiegħi?

Inti u tieħu Exjade® (deferasirox), se jsirulek testijiet regolari tal-laboratorju. Dawn it-testijiet se jissorveljaw kif qed tirreaġixxi għat-trattament. It-tabib tiegħek jaf jaġġusta d-doża tiegħek ta' Exjade billi jżidha jew inaqqasha skont dawn it-testijiet.

| Test | Qabel tibda Exjade | Kull xahar | Darba f'sena |
|---|---|---|---|
| Ħadid<br>Ferritina fis-serum | ✓ | ✓ | |
| Kliewi<br>Kreatinina fis-serum | ✓<br>Dan it-test tad-demm se jittieħed darbtejn qabel ma jinbeda Exjade | ✓<br>Għall-ewwel xahar u fl-ewwel xahar wara kull tibdila fid-doża, se jsirlek test darba fil-ġimgħa; wara darba fix-xahar | |
| Tneħħija tal-kreatinina | ✓ | ✓<br>Għall-ewwel xahar u fl-ewwel xahar wara kull tibdila fid-doża, se jsirlek test darba fil-ġimgħa; wara darba fix-xahar | |
| Fwied<br>Transaminasi fis-serum, bilirubina, fosfatas alkalina | ✓ | ✓<br>Għall-ewwel xahar, se jsirlek test kull ġimagħtejn; wara darba fix-xahar | |
| Awrina<br>Proteina fl-awrina | ✓ | ✓ | |
| Smigħ u vista | ✓ | | ✓ |
| Piż u tul | ✓ | | ✓ |
| Pazjenti pedjatriċi:<br>Evalwa l-iżvilupp tal-ġisem (eż., il-piż tiegħek, l-iżvilupp sesswali, u kemm tikber fis-sena) | ✓ | | ✓ |

It-tabib tiegħek jista' wkoll

- Juża test imsejjaħ immaġini b'reżonanza manjetika, jew **MRI**, biex jiċċekkjalek il-livelli tal-ħadid fil-qalb jew il-fwied tiegħek
- Jagħmillek **bijopsija** tal-kliewi jekk jissuspetta problemi fil-kliewi



## Exjade għandu effetti sekondarji?

Bħal kull mediċina oħra, Exjade jista' jkollu effetti sekondarji. Madanakollu, mhux il-pazjenti kollha se jġarrbuhom. L-aktar effetti sekondarji frekwenti jkunu bejn ħfief u moderati u normalment jgħaddu malli jindera t-trattament. Dan jaf jieħu xi ġranet jew ġimgħat.

L-effetti sekondarji komuni jinkludu dardir, rimettar, dijarea, uġigħ fl-addome, nefħa, konstipazzjoni, indiġestjoni, raxx fil-ġilda, uġigħ ta' ras u ħakk.

Qabel ma tibda Exjade se jsirlek test tal-funzjoni tal-kliewi u l-fwied u matul it-trattament se jkunu ċċekkjati spiss. (Ara t-tabella fil-paġna ta' qabel.)

**Xi effetti sekondarji jafu jkunu serji u jeħtieġu attenzjoni medika minnufih.**

*Dawn l-effetti sekondarji jitqiesu mhux komuni jew rari. Ieqaf ħu din il-mediċina u kellem minnufih lit-tabib tiegħek jekk ikollok xi wieħed minn dawn li ġejjin:*

- Raxx gravi jew diffikultà biex tieħu n-nifs u sturdament, jew nefħa l-aktar f'wiċċek u griżmejk (sinjali ta' reazzjoni allerġika gravi);
- Raxx, ħmura fil-ġilda, infafet fuq ix-xufftejn, fl-għajnejn jew il-ħalq, ġilda titqaxxar, deni għoli, sintomi bħal tal-influwenza, glandoli limfatiċi minfuħin (sinjali ta' reazzjonijiet gravi fil-ġilda);
- Tnaqqis evidenti fl-ammont ta' awrina li jipproduċi ġismek (sinjali ta' problemi fil-kliewi);
- Tirremetti d-demm u/jew tipporga iswed;
- Taħlita ta' tfeddil, uġigħ fin-naħa tal-lemin ta' fuq tal-addome, il-ġilda jew għajnejk jisfaru jew jisfaru aktar u awrina skura (sinjali ta' problemi fil-fwied);
- Jekk ikollok diffikultà biex taħseb, tiftakar informazzjoni, jew issolvi problemi, tħossok anqas allert jew konxju jew tħossok bi ngħas ħafna b'enerġija baxxa (sinjali potenzzjali ta' livell għoli ta' ammonja f'demmek, li jaf jintrabat ma' problemi fil-fwied jew kliewi u jwassal għal tibdil fil-mod kif jaħdem moħħok);
- Uġigħ frekwenti fl-addome, b'mod partikulari wara li tiekol jew tieħu Exjade;
- Uġigħ gravi fin-naħa ta' fuq tal-istonku;
- Ħruq ta' stonku frekwenti;
- Titlef il-vista parzjalment.

**Ftakar: Dejjem kellem lil min qed jipprovdilek il-kura dwar kwalunkwe effett sekondarju li jaf ikollok. Jekk ikollok xi effetti sekondarji gravi, IEQAF ħu l-medikazzjoni tiegħek u kkuntattja lit-tabib tiegħek minnufih.**

**Għal aktar dettalji dwar l-effetti sekondarji u l-effetti sekondarji gravi, jekk jogħġbok ara l-Fuljett ta' Tagħrif.**

## U xi ngħidu dwar mediċini oħrajn li wkoll għandi bżonn noħodhom minħabba saħħti?

Għid lit-tabib jew spiżjar tiegħek jekk qed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħrajn. Dawn jinkludu mediċini li tieħu mingħajr riċetta tat-tabib. It-tabib tiegħek jaf ikollu bżonn iwettaq testijiet tal-laboratorju sabiex jissorvelja dawn il-mediċini.

**Mediċini importanti li trid tgħid bihom lit-tabib tiegħek jinkludu, b'mod partikulari:**

- Kelaturi tal-ħadid oħrajn, li m'għandhomx jittieħdu ma' Exjade
- Antiaċidi (mediċini użati biex jittrattaw il-ħruq ta' stonku) li fihom l-aluminju, li m'għandhomx jittieħdu fl-istess ħin bħal Exjade
- Cyclosporine (użata biex jiġi evitat li l-ġisem jirriġetta organu ttrapjantat jew għal kundizzjonijiet oħrajn, bħal artrite rewmatika jew dermatite atopika)
- Simvastatin (użata biex tbaxxi l-kolesterol)
- Ċerti mediċini li jtaffu l-uġigħ jew għal kontra l-infjammazzjonijiet (eż., aspirina, ibuprofen, kortikosterojdi)
- Bisfosfonati orali (użati biex jittrattaw l-osteoporożi)
- Mediċini antikoagulanti (użati biex jipprevjenu jew jittrattaw l-koagulazzjoni tad-demm)
- Kontraċettivi ormonali (mediċini li jikkontrollaw it-twelid)
- Bepridil (użat biex jittratta problemi tal-qalb u l-emigranji)
- Ergotamine (użata biex tittratta l-emigranja)
- Repaglinide (użata biex tittratta d-dijabete)
- Rifampicin (użata biex tittratta t-tuberkolożi)
- Phenytoin, phenobarbital, carbamazepine (użati biex jittrattaw l-epilessija)
- Ritonavir (użat biex jittratta infezzjoni bl-HIV)
- Paclitaxel (użat biex jittratta l-kanċer)
- Theophylline (użata biex tittratta mard respiratorju bħall-ażma)
- Clozapine (użata biex tittratta disturbi psikjatriċi bħas-skiżofrenija)
- Tizanidine (użata biex tirrilassa l-muskolu)
- Cholestyramine (użata biex tbaxxi l-livelli tal-kolesterol fid-demm)
- Midazolam (użat bħala sedattiv u biex jittratta l-ansjetà u l-amnesija)
- Busulfan (użat bħala trattament qabel it-trapjantazzjoni sabiex jinqered il-mudullun oriġinali qabel it-trapjant).



## Kontraċezzjoni

Jekk bħalissa qed tuża kontraċettiv orali jew qed tuża garża kontraċettiva sabiex ma toħroġx tqila, għandek tuża tip ta' kontraċezzjoni addizzjonali jew differenti (eż., kondom), minħabba li Exjade jaf inaqqas l-effettività tal-kontraċettivi orali u tal-garżi kontraċettivi.

## Il-progress tiegħi b'Exjade

### L-għan tat-trattament tiegħi

L-għan tat-trattament b'Exjade hu li jkollok ammont b'saħħtu ta' ħadid f'ġismek. Kull xahar se tagħmel viżta għand it-tabib tiegħek biex iżomm rekord tal-progress li qed tagħmel b'risq **l-għan tat-trattament** tiegħek.

It-tabib tiegħek se jfassal l-għanijiet tat-trattament tiegħek skont test tad-demm imsejjaħ test tal-ferritina fis-serum (FER-ri-ti-na fis-SE-rum), jew **SF**. Dan it-test jgħid lit-tabib tiegħek kemm għandek ħadid f'ġismek. It-tabib tiegħek ikun irid jew ibaxxi l-livell tiegħek tal-SF jew iżommu fejn qiegħed.

### Id-doża tiegħi

It-tabib tiegħek jista' jiddeċiedi li jbiddillek id-doża skont il-livell tal-SF tiegħek, testijiet oħrajn tal-laboratorju, jew skont kemm tingħata trasfużjonijiet spiss.

Wara li tkun ilek tieħu Exjade għal **3 sa 6 xhur**, iċċekkja mat-tabib tiegħek li miexi 'l quddiem kif ippjanat. Jekk le, staqsi lit-tabib tiegħek dwar xi pjan ħejja biex jgħinek tilħaq l-għan tat-trattament tiegħek.

### Bejn viżta u oħra

Bejn viżta u oħra għand it-tabib jistgħu jiġru episodji importanti oħrajn. Żomm lista tagħhom u uriha lit-tabib tiegħek. Dawn jinkludu:

- Effetti sekondarji
- Mediċini oħrajn
- Kwalunkwe devjazzjoni mid-doża preskritta

## Tagħrif dwari

Dan it-tagħrif dwarek jgħin kemm lilek kif ukoll lit-tabib tiegħek meta jiġi biex ifassal it-trattament tiegħek b'Exjade® (deferasirox). Staqsi lit-tabib tiegħek jekk ikollok bżonn l-għajnuna biex twieġeb dawn il-mistoqsijiet.

### Tagħrif ġenerali

Isem ______________________

Kunjom ______________________

Data tat-twelid ______________________

Dijanjosi ______________________

Ingħatajt trasfużjonijiet? Jekk iva, kemm u kemm spiss?

______________________

______________________

Għandi problemi oħrajn ta' saħħa?

______________________

______________________

Bħalissa qed nieħu xi mediċina oħra minħabba problemi oħrajn ta' saħħa?

______________________

______________________

Għandi xi allerġiji?

______________________

______________________



## It-tnedija ta' Exjade

Tista' tibda żżomm rekord tal-progress li qed tagħmel malli t-tabib jiddeċiedi dwar il-livell tal-SF li trid tilħaq u d-doża ta' Exjade. Iddiskuti mat-tabib tiegħek biex timla l-għanijiet tat-trattament tiegħek u tagħti informazzjoni oħra, hawn taħt.

**Data:** ________ **Il-livell kurrenti tal-SF tiegħi:** __

**L-għan tat-trattament tiegħi hu li:**

Innaqqas il-livell tal-SF tiegħi għal

______________________

**Il-piż tiegħi:**

______________________

**Ir-reġim tad-doża tiegħi ta' Exjade**

Jien qed nieħu

- ☐ pilloli miksija b'rita Exjade
- ☐ pilloli li jinxterdu Exjade

- Kemm se nieħu pilloli kuljum?

______________________

______________________

Jekk pilloli miksija b'rita Exjade:

- ☐ Kapaċi nibla' l-pilloli tiegħi sħaħ
- ☐ Se nfarrak il-pilloli tiegħi u nferrixhom fuq ikel artab bħal yogurt jew purè tat-tuffieħ u nieklu mill-ewwel

- Meta se nieħu l-medikazzjoni tiegħi kull jum?

______________________

**Noti:** Niżżel kwalunkwe nota jew mistoqsija wara l-viżta għand it-tabib.

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

**Novartis Pharma AG**
CH-4002 Basel Switzerland
© Novartis 2019
**August 2019**
**EXJ PG2 08/19 MT**